**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**Vs**

**Stefan Cutajar**

**Illum 18 ta' Gunju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Stefan Cutajar ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Joseph u Maria Iris neè Cassar, imwieled Pietà fis-16 ta' April 1984 u residenti Numru 4 Mas 1, Triq l-Ajzar, Safi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 203984(M), talli b'diversi atti maghmula minnu fi zmiminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijet u gew maghmula b'resoluzjoni wahda u cioè:

1. Talli bejn is-16 ta' Mejju 2016 u is-17 ta' Mejju 2016 bejn il-5.30 p.m. u is-7.00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Ford Transit Numru tar-Registrazzjoni BGV134, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Kurt Gravina mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni

BGV134 ta' l-ghamla Ford liema liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);

3. Ukoll talli fil-lejl ta' bejn 18 u id-19 ta' April 2016 fil-hinijiet ta' bejn 7:00 p.m. u 8:00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni IBD057, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, mezz, valur li jeccedi l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Neil Andrew Said u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBD507 ta' l-ghamla Toyota Liteace, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);
5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn 17 u it-18 ta' April 2016 fil-hinijiet ta' bejn 5:30 p.m. u 7:00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura ta' l-ghamla Transit bin-Numru ta' Registrazzjoni DBG538, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Mohamed Alnaser, u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBG538 ta' l-ghamla Ford Transit liema hsara ma' teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);
7. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. ) b'digriet datat 2 ta' Dicembru 2013 u li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma l-Ghassa Zurrieq nhar ta' Tnejn, Hamis u Sibt u jirrinkaza gewwa d-dar mhux izjed tard mid-20 :00Hrs u ma johrogx minn hemm qabel il-05:30Hrs;
8. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Claire L. Stafrace LL.D) b'digriet datat 10 ta' Ottubru 2012 u li permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma l-Ghassa Zurrieq kuljum bejn is- 07:30Hrs u 17:00Hrs u jirrinkaza

gewwa d-dar mhux izjed tard mid-21:00Hrs u ma johrogx minn hemm qabel is-07:30Hrs;

9. U aktar talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghti lilu mil-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fil-5 ta' Gunju 2013; u
10. Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistghux jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 2 ta' Dicembru 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Cutajar kif ukoll tordna li somma ta' elf Euro (€1,000) bhala garanzija ossija lil ommu Mary Iris Cutajar, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 10 ta' Ottubru 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Cutajar kif ukoll, li tordna li somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 al-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li f'dan il-kaz ma kienx hemm in-nomina ta' Esperti w allura l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fit-talba relattiva mressqa minnha;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri ojdjerni l-imputat qed jigi akkuzat: (i) talli bejn is-16 ta' Mejju 2016 u is-17 ta' Mejju 2016 bejn il-5.30 p.m. u is-7.00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Ford Transit Numru tar-Registrazzjoni BGV134, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Kurt Gravina mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; (ii) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BGV134 ta' l-ghamla Ford liema liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250); (iii) ukoll talli fil-lejl ta' bejn 18 u id-19 ta' April 2016 fil-hinijiet ta' bejn 7:00 p.m. u 8:00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni IBD057, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, mezz, valur li jeccedi l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Neil Andrew Said u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; (iv) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBD507 ta' l-ghamla Toyota Liteace, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250); (v) u aktar talli fil-lejl ta' bejn 17 u it-18 ta' April 2016 fil-hinijiet ta' bejn 5:30 p.m. u 7:00 a.m. ikkommetta serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura ta' l-ghamla Transit bin-Numru ta' Registrazzjoni DBG538, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Mohamed Alnaser, u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; (vi) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBG538 ta' l-ghamla Ford Transit liema hsara ma' teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250); (vii) u aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. ) b'digriet datat 2 ta' Dicembru 2013 u li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma l-Ghassa Zurrieq nhar ta' Tnejn, Hamis u Sibt u jirrinkaza gewwa d-dar mhux izjed tard mid-20 :00Hrs u ma johrogx minn hemm qabel il-05:30Hrs; (viii) u aktar talli naqas milli jhares xi wahda,

u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Claire L. Stafrace LL.D) b’digriet datat 10 ta’ Ottubru 2012 u li permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma l-Ghassa Zurrieq kuljum bejn is- 07:30Hrs u 17:00Hrs u jirrinkaza gewwa d-dar mhux izjed tard mid-21:00Hrs u ma johrogx minn hemm qabel is-07:30Hrs; (ix) u aktar talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta moghti lilu mil-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fil-5 ta’ Gunju 2013; u (x) talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi fil-Qorti ta’ Malta li gew defennitivi u ma jistghux jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 2 ta' Dicembru 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Stefan Cutajar kif ukoll tordna li somma ta’ elf Euro (€1,000) bhala garanzija ossija lil ommu Mary Iris Cutajar, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **u** tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 10 ta’ Ottubru 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Stefan Cutajar kif ukoll, li tordna li somma ta’ hmistax-il elf Euro (€15,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Titlob ukoll sabiex il-Qorti, f’kaz ta’ htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 al-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa’ hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat u fid-dawl ta’ dak li rrizulta mill-atti tal-kawza, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali ta’ l-imputat u n-natura tar-reati, liema reati jikkostitwixxu reat kontinwu kif ukoll li hemm

akkuzi li jigu assorbiti f'ohrajn, senjatament l-akkuzi tal-hsara volontarja jigu assorbiti fl-akkuzi dwar serq aggravat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(b),(c),(f), u (g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278 (3), 289 u 325(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti mill-gdid itteni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u l-ghaxar akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati tas-seba' u tmien akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 2 ta' Dicembru 2013 u d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 10 t'Ottubru 2012, tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u tikkundannah ghal kull wahda mill-imsemmija zewg akkuzi tikkundannah ghal tliet xhur prigunerija effettiva.

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tordna li s-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala garanzija ossija lil omm l-imputat Mary Iris Cutajar u s-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuq l-imputat sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess lilu bid-Digriet tat-2 ta' Dicembru 2013 u bid-Digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2012, ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputat hati tad-disa' akkuza dedotta fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ammontanti ghal mitt Euro (€100).

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi f'dan il-kaz ma kienx hemm nomina ta' Esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu l-mizuri kollha necessarji u mehtiega ghall-fini li l-imputat jigi ammess u jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni opportun sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Din is-sentenza ghandha tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**